Ganpawl, bħala Malti, kien wieħed mill-egħdewwa tat-Torok. Għalhekk biex dan kien jista' joqgħod f'Lampedusa bla ma jiġi minbux mill-Kursari Barbrin, kien jinħtieġ li jkollu s-setgħa mis-Sultan tat-Turkija.

Aktarx li xi wħud ma tinżlilhomx li hu minnu dwar li ntqal fuq is-setgħa li semmejna. Iżda, għal dan li sa ngħidu, wieħed jista' jemminha.

Għalkemm Du Bocage kien Kavalier u Balliju tal-Ordni, kien ukoll l-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta. Terġa' Franza, dik il-ħabta, kienet ħabiba ħafna mat-Turkija. Għalhekk, is-Sultan tat-Torok ma kienx jaraha bi kbira billi jagħti s-setgħa lil Du Bocage (bħala Ambaxxatur ta' Franza), biex, dawk li jgħammru f'Lampedusa, ma jiġux mittiefsa min-nies tiegħu.

Dil-biċċa tas-setgħa, hi msemmija wkoll mill-kittieba Calcara u Sanvisente. Tarġa', li kieku ma kenitx minnha ħadd ma kien sa jmur jittarraf f'Lampedusa, biex minn ħin għal ieħor jista' jaqa' rsir tal-bastimenti Torok li ta' sikwit kienu jgħaddu minn hemm.

Flimkien mal-Malti Ganpawl, mar igħammar ukoll f'Lampedusa l-Eremit Franċiż Fra Klawdju. B'dan kollu għalkemm kienu t-tnejn fil-gżira, dawk li żaruha jsemmu li sabu jgħammar hemm wieħed biss. Hekk qalu xi kittieba li għaddew minn Lampedusa fl-1732 (Moreri) u fl-1737 (l-Earl of Sandwich). Tgħid dawn inzertaw li marru hemm waqt li l-Malti Sammut kien iħalli mill-Gżira u jiġi lejn Malta? jista' jkun li Sammut, wara li kien iqatta' xi żmien jaħdem f'Lampedusa, kien iwarrab xi ftit biex jiġi jara 'l niesu hawn. Iżda l-biċċa kienet kif kienet, Sammut dam is-snin il-kbar imur jaħdem f'Lampedusa u hemm ibigħ il-qmuħ u t-tjur lin-nies tal-bastimenti li jersqu lejn dik il-Gżira, kif għad nuru 'l quddiem.

* * *

## QTIL MINN MALTI F'LAMPEDUSA

F'Ġunju ta' l-1729, fix-xtajta ta' Lampedusa, waslet feluka armata għall-kors bil-bandiera ta' l-Ordni. Din kienet taħt il-ħsieb tal-Kaptan Baldecco, mill-Isla.

Wieħed Malti, baħri minn ta' din il-feluka, jismu Gużê Camniti, minn Ħal-Luqa, niżel l-art, u hemm, fix-xtajta, qagħad jiekol galletta mxarrba fl-ilma, li jum qabel kien qala' minn fuq tartana Franċiża.



Waqt li Gużê kien jiekol, mar fuqu wieħed mill-baħrin sħabu, jismu Nikol, minn Napli. Dan qallu li dik il-galletta kienet tiegħu, u ħadhielu b'saħħa minn idejh. Ġużê ried jerġa' jeħodhielu,u beda jitolbu b'ħerqa kbira biex jagħtihielu Iżda Nikol ma riedx. u tah daqqa fuq wiċċu li tefgħu fl-art. Ġużê qam u baqa' jitolbu bil-ħerqa biex jagħtih lura l-galletta. Nikol telgħulu, reġa' ħabat għalih u tefgħu l-baħar. Ġużê, għad li ma kienx jaf igħum, irnexxielu jaqbad mal-blat u ħeles mill-għarqa. Malli tela' l-art, ħareġ sikkina u biha ta daqqa f'żaqq Nikol. Id-daqqa kienet qalila, għax, wara ftit jiem, Nikola miet.

Gużê nġieb hawn Malta. Għadda proċess u, fis-27 ta' Settembru 1729, ġie mwaħħal 3 snin jaħdem fix-xogħlijiet tal-Gvern bla ħlas. Iżda Ġużê ma damx wisq il-ħabs. Fit-13 ta' Frar 1730, il-Gran Mastru tah il-maħfra ta' li kien baqagħlu jagħmel.

Ġużê Gatt.

## SAN PAWL F'MALTA *

"U meta Pawlu ġabar qabda għasieleġ u qigħedhom fuq in-nar, lifgħa qabżet barra, mħabba fil-ħruq."
(Atti tal-Appostli, Kap. XXVIII)

Qalbu siekta fil-qawwa ta' profeta,
kif ġarb il-mewġ itbiegħed,
Niżel ir-raġel ta' setgħet bostana
fuq l-art li hu kien wiegħed.

Niżel fuq l-art; mhux biex jistrieħ, jew l-anġli
jistenna jduru miegħu:
Għasluġ u lsien tan-nar biss jagħtu xhieda
tal-ħaqq u t-tjieba tiegħu.

Iżda meta tal-lifgħa ħass il-weġgħa
l-għajnuna malajr ġiet:
Nisrani! minhaw tgħallem agħmel dmirek;
il-bqija lis-smewwiet.

Dun Karm.

* Miġjuba fil-Malti mill-Ingliż ta' John Henry Cardinal Newman.